TRIBUNAL INDUSTRIJALI

DECIZJONI NRU 425

KAZ NRU 616

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Pierre Sciberras

u

Dolphin Supermarkets Ltd
kif rapprezentata minn Vivian S Bianchi u Ralph Bianchi u Michael Bianchi

dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi nguxta

Data: 10 ta' Jannar 1992

Chairman: Is-Sur Carmel Debono

## 1 INTRODUZZJONI

Din il-Kwistjoni giet riferuta lit-Tribunal Industrijali permezz ta' ittra mill-Onor Ministru ghall-Politika Socjali datata 30 ta' Gunju 1991 rif MSP/4/91/29 skond Artiklu 28 (2) ta' l-Att XXX tal-1976 dwar Relazzjonijiet Industrijali.

It-Tribunal zamm erba' (4) seduti.

L-appellant, is-Sur Pierre Sciberras kien assistit mill-Avukat Frank Cassar, LL.D. waqt li d-Dolphin Supermarkets Ltd kienet rapprezentata mis-Sur George Attard, General Manager assistit mill-Avukat Joseph A Schembri, LL.D.

## 2 STATEMENTS OF CASE

L-appellant, impjegat bhala shop assistant mad-Dolphin Supermarkets Ltd fid-Dolphin Supermarket ta' Paceville allega li hu safa' mkecci sommarjament fit-8 ta' Gunju 1991 mic-Chairman tal-Kumpanija wara li gie akkuzat li kien gideb u giddeb lill-istess Chairman quddiem il-klijenti, ghax skond l-appellant huwa kien qieghed jis-tenna lill-impjegata ohra tlesti mis-"slicing" tal-perzuta, li skond l-appellant ma setghux jibdew jahdmu perzuta ohra qabel ma tispicca dik li tkun fl-idejn.

L-appellant ammetta li kien gie mwissi verbalment diversi drabi dwar "late-in-coming" u li naqas iqaxxar il-lehja, izda kellu record ezemplari. Kien gie wkoll imwissi ghax darba nstab inaqqar mushroom.

L-appellant qal li c-Chairman kisru quddiem in-nies u ghaj-jat mieghu ghax haseb li kien qieghed jitlajja u ma nghata l-ebda cans jispjega ruhu.

Huwa talab lit-Tribunal jillikwida d-danni li sofra bhala rizultat tat-tkeccija tieghu mill-impjieg li kienu jammon-taw ghal mija u tlieta u tmenin liri maltin u hamsa u sebghin centezmi (Lm183.75) kwantu ghal tliet gimghat paga li tilef sakemm sab impjieg iehor u mitejn u sitta u tletin liri maltin u sitta u tletin centezmu (Lm236.36) bhala notice money ghall-erba' gimghat u nofs li tkopri erba' snin u nofs servizz mal-kumpanija, total ta' erbgha mija u ghoxrin liri Maltin (Lm420).

Il-Kumpanija, Dolphin Supermarkets Ltd ppretendiet li t-tkeccija ta' Pierre Sciberras kienet ghal raguni gusta. Meta fit-8 ta' Gunju 1991 ic-Chairman dahal fid-Dolphin

Supermarket ta' Paceville huwa nnota li minkejja li kien hemm numru konsiderevoli ta' klijenti jistennew li jigu servuti fid-Delicatessen Counter l-appellant kien qieghed jitlajja u jiccaccra ma' wahda mill-impjegati.

Mistoqsi ghala ma kienx qieghed iservi lill-klijenti, l-appellant irrisponda li hu kien qieghed jistenna l-uzu tas-"slicer", meta kien hemm zewg "slicers".

Aktar tard, meta rega' gie ffaccjat mic-Chairman, l-appellant bidel il-versjoni li kien qal l-ewwel darba lic-Chairman u qal li kien qieghed jistenna l-perzuta u mhux is-"slicer".

Il-kumpanija sostniet li ghalkemm l-appellant gie mistoqsi biex ma jkomplix jigdeb, l-appellant baqa' jigdeb u jgiddeb lic-Chairman minkejja li gie mwissi li kien qieghed jip-perikola li jisfa mkecci kif fil-fatt gara.

Intqal mill-kumpanija li apparti li l-appellant kien gie mwissi verbalment fuq nuqqasijiet varji, huwa kien gie wkoll imwissi bil-miktub fit-12 ta' Ottubru 1989, fatti li jikkonfermaw flimkien mar-raguni li ghaliha tkecca, li l-appellant ma kienx dispost joqghod ghall-istruzzjonijiet tal-kumpanija, xi haga li l-kumpanija ma tistax taccetta ghax dan iwassal ghall-konkluzjoni li Sciberras ma riedx jaqdi dmiru lejn il-klijenti u lejn il-kumpanija.

Barra dan kollu, il-kumpanija argumentat li l-appellant gie moghti l-opportunita' li jghid il-verita qabel ma tkecca, xi haga li ma riedx jaghmel u ghaldaqstant il-kumpanija ma kellha l-ebda alternattiva ghajr li ttermina l-impjieg tieghu.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-kumpanija talbet lit-Tribunal jirrespingi t-talba ta' l-appellant bl-ispejjez kontra tieghu.

3 XHIEDA

(a) Prodotti mill-appellant:

| | |
|---|---|
| Is-Sur Pierre Sciberras | - l-appellant |
| Is-Sur Anton Ciarlo | - klijent tad-Dolphin Supermarkets f'Paceville |

(b) Prodotti mill-kumpanija:

| | |
|---|---|
| Is-Sur George Attard | - General Manager |
| Is-Sur Vivian S Bianchi | - Chairman |

(c) Prodotti miz-zewg partijiet:

| | |
|---|---|
| Is-Sinjorina Rita Galea | - impjegata tal-kumpanija |
| Is-Sinjura Josette Sciberras | - ex-impjegata tal-kumpanija |

(d) Prodott mit-Tribunal:

| | |
|---|---|
| Is-Sur Vincent Baldacchino | - impjegat tal-kumpanija |

4 SOTTOMISSJONIJIET FINALI

Fis-sottomissjonijiet finali tieghu, l-appellant wara li rega' ta rezukont ta' l-incident tat-8 ta' Gunju 1991 u kkonferma li hu ma giddibx fl-ispjegazzjoni li kien qal lic-Chairman ghala ma kienx qieghed jaqdi lin-nies, ghadda biex fid-dettal ikkwota partijiet mix-xhieda,li rretena kienu kollha jikkonfermaw il-versjoni tieghu cioe li hu kien qieghed isegwi l-policy tal-kumpanija li ma jservix

lill-klijenti minn perzuta ohra ghajr dik li tkun fl-idejn, kienet il-vera raguni.

Dan qal l-appellant kien ukoll ikkonfermat mix-xhieda tas-Sur Ciarlo', il-klijent li kien qieghed iservi dakinhar ta' l-incident. Is-Sur Ciarlo' kien klijent regolari tas-Supermarket u kellu jitqies bhala xhud indipendenti u imparzjali. Huwa zied jghid li s-Sur Vincent Baldacchino, shop assistant kien ukoll ikkonferma l-procedura kif jigu servuti l-klijenti.

Barra minn dan, ix-xhieda kollha qablu li c-Chairman kien fi stat ecitat sostna l-appellant; infatti hu stess xehed li f'dak il-mument kien worked up naqra.

L-appellant irretena li ma kienx minnu li meta resaq lejh ic-Chairman, dan kien fi stat kwiet jew li n-nies (klijenti) kienu qeghdin igergru.

Ghal dak li jirrigwarda l-imgieba tieghu, l-appellant irrefera ghall-istess xhieda tal-General Manager li stqarr li l-appellant ma kienx wiehed li jargumenta jew li jigdeb, u zied li anke x-xhieda tas-Sur Vincent Baldacchino, li kien meqjus b'xi mod "in-charge" kienet tikkonferma li l-appellant kien igib ruhu sewwa, qatt ma kellu "complaints" dwaru mill-klijenti u ma kellux ghalfejn jammonieh.

L-appellant argumenta li ma kienx jaghmel sens li jigdeb jew/u jipprova jgiddeb lic-Chairman meta kien gie iffaccjat mit-theddida li jitkecca; izda ghazel li jghid il-verita bir-rizultat li tkecca sommarjament u sofra telf ta' tliet gimghat paga u n-notice money ghas-servizz ta' 11 fuq minn erba' (4) snin.

Il-kumpanija fis-sottomissjonijiet finali taghha rreferiet ghax-xhieda ta' l-appellant fejn hu stess ammetta li kien

gie mwissi verbalment diversi drabi u gie wkoll imwissi bil-miktub fit-12 ta' Ottubru 1989, fatturi li ma jaqblux mal-kontenzjoni ta' l-appellant li hu kien ezemplari.

Infatti l-kumpanija qalet li l-"wording" tal-warning tat-12 ta' Ottubru 1989 jirreferi ghal aktar minn darba li rraporta ghax-xoghol tard.

Rigward l-allegazzjoni ta' l-appellant li c-Chairman ghaj-jat mieghu, il-kumpanija qalet li c-Chairman dan ma ghamlux kapricc u bilfors kellu raguni serja, cioe' dik li ra l-appellant - impjegat tieghu - jonqos li jaqdi lill-klijenti, jitlajja u jiccaccra. Il-kumpanija sostniet li f'cirkus-tanzi bhal dawn hadd ma jista' jlum lic-Chairman li jagixxi biex ihares l-interessi tal-kumpanija, dritt li ma jista' jinnegajulu hadd.

Barra minn hekk, wiehed ukoll irid izomm quddiem ghajnejh li l-appellant gie moghti kull opportunita' biex jirtira l-versjoni tieghu li ma kinitx il-verita qabel ma gie imkecci.

Dan kien ampjament jafu l-appellant dakinhar ta' l-incident u kienet biss l-istinazzjoni tieghu li wasslet biex ic-Chairman itemm l-impjieg tieghu.

Il-kumpanija ghaddiet biex tanalizza parti mix-xhieda tal-klijent is-Sur Ciarlo', li mistoqsi kif spiccat l-istorja, xehed li hu qiesu bhala incident maghluq, Infatti l-istess xhud qalet il-kumpanija, ma semax lic-Chairman ikecci lill-appellant. Ghaldaqstant, jidher sostniet il-kumpanija li t-tkeccija ta' l-appellant kienet kagunata mill-insubordinazzjoni tieghu meta ghat-tieni darba meta kellmu l-General Manager baqa' jsostni l-versjoni tieghu.

Ghar-rigward tal-procedura kif jigu servuti l-klijenti "consumable items" bhal perzut, il-kumpanija qalet li x-xhud Vincent Baldacchino kien xehed li hu ma kellu l-ebda struzzjonijiet mis-superjuri tieghu biex ma jaqbadx perzuta qabel ma tispicca dik fl-idejn izda din kienet tradizzjoni.

Il-kumpanija qalet li f'medda ta' 21 sena, il-General Manager xehed li hadd ma gie mkecci mill-impjieg mal-kumpanija ghajr dawk li ma kinux issodisfaw l-htigijiet fil-perjodu tal-prova (probation) u l-uhika darba li tkecca mpjegat, il-kumpanija kienet dikjarata li kellha ragun. Dan qalet il-kumpanija jikkonferma li t-tkeccija ta' l-appellant ma saritx b'kapricc izda ghal raguni gusta, aktar minn dan, jikkonferma li d-Dolphin Supermarkets Ltd mhix kumpanija li tillicenzja n-nies.

Il-kumpanija ghalqet is-sottomissjonijiet taghha billi tenniet li r-responsabbilita ghat-tkeccija ta' Pierre Sciberras kienu tieghu biss, meta deherlu li c-Chairman ma kellux ragun li wara kollox in vista tal-komportament insubordinat ta' l-appellant ma kellu l-ebda alternattiva hlief li jitterminalu l-impjieg.

Anke jekk ir-raguni principali ghat-tkeccija ta' Pierre Sciberras kienet dik li wasal biex igiddeb lic-Chairman, l-imgieba tieghu generali fil-passat kienet wahda indifferenti, aspetti li kienu jinfluwenzaw il-konkorrenza tal-klijenti, li wara kollox huma l-uniku risors tal-qliegh tal-kumpanija.

Il-kumpanija qalet li bla ebda dubbju attitudini bhal din ma setghet qatt tkun tollerata taht l-ebda cirkostanzi jekk l-interessi tal-business jigu protetti u d-dritt tal-klijenti rispettati.

ghal

Ghal dawn ir-ragunijiet il-kumpanija talbet lit-Tribunal jichad it-talbiet ta' l-appellant.

## 5 L-ISTORJA

Pierre Sciberras, l-appellant kien gie impjegat mad-Dolphin Supermarkets Ltd fl-1 ta' Gunju 1987 bhala shop assistant u gie imkecci fit-8 ta' Gunju 1991.

Huwa kellu salarju ta' Lm210 (gross) fix-xahar.

L-appellant safa' imkecci ghar-raguni li fit-8 ta' Gunju 1991 meta dahal fid-Dolphin Supermarket f'Paceville c-Chairman tal-kumpanija s-Sur Vivian S Bianchi lemah numru konsiderevoli ta' klijenti fid-Delicatessen jistennew li jinqdew waqt li Pierre Sciberras kien skond ic-Chairman, jidher jitlajja u jiccaccra ma' impjegata ohra.

Mistoqsi ghaliex ma kienx qieghed iservi lill-klijent, dejjem skond ic-Chairman, l-appellant huwa allegat li rrisponda li kien qieghed jistenna biex juza s-"slicer", meta kien hemm zewg "slicers".

Aktar tard ic-Chairman rega' zar id-Delicatesseu fil-kumpanija tal-General Manager, is-Sur George Attard. Mistoqsi mill-General Manager dwar l-incident, l-appellant huwa allegat li bidel il-versjoni li kien qal lic-Chairman cioe' li hu kien qieghed jistenna l-perzuta, ghax skond l-appellant kienet il-procedura li ma jservux perzut minn perzuta ohra qabel ma tinhela dik li tkun fl-idejn. Ic-Chairman wissa lil Sciberras li kien qieghed jigdeb u jekk ma jirtirax dak li kien qieghed jghid, kien qieghed jip-perikola li jitkecca.

L-appellant baqa' jsostni li hu kien qieghed jistemma l-perzuta u mhux is-"slicer", bhala rizultat ta' xiex huwa gie mkecci sommarjament, ghax ia-Chairman sostna li l-appellant kien qieghed jigdeb u jgiddeb lic-Chairman, imgieba li ma setax jittolera.

6 KONSIDERAZZJONIJIET TAT-TRIBUNAL

Peress li l-kompitu ta' dan it-Tribunal f'dan il-kaz jir-rigwarda jekk it-tkeccija mill-impjieg ta' l-appellant kinitx ghal raguni gusta jew le, it-Tribunal htieglu jezamina c-cirkostanzi kollha konnessi mal-kaz.

Ma hemm l-ebda dubbju li l-kawza primarja, jekk mhux l-unika, li wasslet ghat-tkeccija ta' Pierre Sciberras kienet dak li gara fit-8 ta' Gunju 1991 fid-Dolphin Supermarket ta' Paceville.

F'dan ir-rigward anqas ma hemm dubbju li l-versjoni ta' dak li gara dakinhar ta' l-appellant u tac-Chairman huma kontradditorji, ghall-inqas dwar dik il-parti sostanzjali tal-fatti.

It-Tribunal ghaldaqstant kellu jezamina bir-reqqa x-xhieda kollha specjalment tas-Sur Anton Ciarlo', il-klijent li kien qieghed jigi servut mill-appellant u tas-Sur Vincent Baldacchino, shop assistant fl-istess Supermarket.

It-Tribunal jibda biex jistqarr li hu sodisfatt li fil-generalita tax-xhieda gie konfermat li l-procedura tas-servitu tal-perzut lill-klijenti kien kundizzjonat mill-procedura li ma tinbediex tinhadem perzuta ohra qabel ma dik fl-idejn tkun giet ezawrita u dan irrespettivament

minn jekk dan il-metodu kienx jirrizulta minn struzzjonijiet tal-Management jew adottat u applikat b'konswetudni mill-istaff.

F'dan l-isfond it-Tribunal ghalhekk ma jarax relevanza ghall-argument li l-appellant kellu ghad-disposizzjoni tieghu "slicer" iehor biex ikompli jahdem u jaqdi lill-klijenti

It-Tribunal ma ghandu l-ebda dubbju li ghalkemm intqal li wara l-ewwel zjara tac-Chairman fid-Delicatessen Counter l-incident kien kunsidrat maghluq, it-tieni zjara tac-Chairman ftit tal-hin wara kienet kontinwazzjoni ta' l-ewwel.

Kieku ma kienx hekk, jistaqsi dan it-Tribunal, xi skop kien ikollu l-General Manager ikellem lill-appellant dwar l-istess incident fil-presenza tac-Chairman?

It-Tribunal ma setax madankollu ma jikkunsidrax id-diportament ta' l-appellant u l-akkuzi tal-kumpanija, ammessi mill-appellant, li fil-passat kien gie mwissi verbalment diversi drabi dwar certi nuqqasijiet.

Ikkunsidra wkoll li l-appellant kien gie mwissi bil-miktub dwar "late attendances" b'ittra datata 12 ta' Gunju 1989.

F'dan ir-rigward, it-Tribunal irid jaghmilha cara li waqt li twissijiet ta' din ix-xorta ghandhom certu piz, johrog car li t-twissijiet f'dan il-kaz ma kinux ir-raguni li wasslet ghat-tkeccija ta' l-appellant; wiehed ghandu ghax jikkontendi li dawn it-twissijiet gew inkluzi fit-trattazzjoni tal-kaz biex ir-raguni ghat-tkeccija tinghata aktar forza quddiem dan it-Tribunal.

It-Tribunal huwa konvint li r-raguni vera li minhabba fiha tkecca l-appellant kienet l-allegazzjoni u/jew l-akkuza li l-appellant biddel il-versjoni dwar ghaliex ma kienx qieghed iservi lill-klijent/i, gideb u giddeb lic-Chairman tal-kumpanija.

Fic-cirkostanzi, dan it-Tribunal ma huwiex sodisfatt li din l-allegazzjoni u/jew akkuza giet ippruvata u ma jeskludix li l-incident kollu u dak li ntqal waqt l-istess incident kien ikkagunat u/jew influwenzat minn atmosfera partikolari, pjuttost annormali, f'dak il-mument.

Waqt li t-Tribunal jifhem u japprezza r-responsabbilita tac-Chairman u tal-kumpanija li jagixxu biex iharsu l-interessi tal-kumpanija u jaqdu lill-klijenti - anke jekk din tkun titlob u tinhtieg l-applikazzjoni tad-dixxiplina - it-Tribunal ma jaqbilx li d-dixxiplina fuq l-impjegati ghandha ssir fil-prezenza tal-pubbliku, kif gara f'dan il-kaz.

Barra minn hekk, dan it-Tribunal irid jiddikjara li qabel ma tittiehed decizjoni dixxiplinarja, aktar u aktar meta din tista' twassal ghal tkeccija mill-impjieg, ghandha ssir investigazzjoni u vertifikazzjoni kompleta tal-fatti u tac-cirkostanzi, fatturi li dan it-Tribunal ma jidhirlux kienu sodisfatti qabel it-tkeccija sommarja ta' l-appellant.

Fl-ahharnett, it-Tribunal irid jirrepeti dak li f'diversi okkazjonijiet precedenti esprima bl-aktar mod car, cioe' li d-decizjoni ta' tkeccija mill-impjieg ghandha biss tittiehed meta ma jkun baqa' assolutament l-ebda alternattiva ghal passi u mizuri dixxiplinarji ohra.

7 AWARD

Ghaldaqstant f'dawn ic-cirkustanzi wara li stharreg il-kaz kollu fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet ta' hawn fuq, it-Tribunal isib li t-tkeccija ta' l-appellant, is-Sur Pierre Sciberras ma kinitx ghal raguni gusta.

It-Tribunal ghalhekk jordna li l-kumpanija Dolphin Supermarkets Ltd ghandha thallas kumpens lill-appellant Pierre Sciberras is-somma ta' mitejn u tlieta u ghoxrin liri maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm223.75.0) fi zmien erba' (4) gimghat mid-data ta' dan l-Award.

Ghall-finijiet tar-Regolamenti tal-1986 dwar drittijiet li jithallsu (A.L. 48 tal-1986) maghmula taht l-Att tal-1976 dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali (Att XXX tal-1976), it-Tribunal qieghed jintaxxa ghal kull persuna li dehret ghall-partijiet fis-somma ta' erbghin liri maltin (Lm40) kull wiehed.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

Carmel Debono
CHAIRMAN

Christine Galea
SEGRETARJA

mm